# *KUNSILL LOKALI MARSA*

*Minuti tal-Wieħed u Erbgħin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 17 ta' Settembru 2014 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w kwart ta' filgħaxija (5.15pm)*

## ***Preżenti***

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Vici Sindku |
| Is-Sur Anthony Buhagiar | Kunsillier |
| Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Grima | Kunsillier |

## *1. __Talba.__*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. __Approvazzjoni tal-Minuti ta' l-Erbgħin Laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 6 t'Awissu 2014__*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellhu emendi fuq il-minuti msemmija s-Sur Anthony Buħaġiar issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *3. __Komunikat mis-Sindku__*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li l-WSC qed jitolbu li max-xogħol li l-Kunsill applika biex iwettaq fi Triq is-Sajjieda jżidu proġett ieħor biex jipprovw jsolvu l-problemi li ġew ikkawżati bil-proġett ta' Triq Diċembru 13. Għaldaqstant mall-proġett tal-Kunsill huma jwettqu proġett fl-istess ħin fejn jitpoġġa kanna taħt il-culvert tal-Kunsill sabiex jgħin fl-overflow tad-dranaġġ. Is-Sindku qal li l-Kunsill m'għandu l'ebda oġġezzjoni fuq dan il-proġett jekk kemm il-darba jinħareġ il-permess minn Transport Malta li sal-lum ġie miżmum kif ukoll jekk il-WSC jwettqu reinstatement tat-Tarmak ta' Triq is-Sajjieda. Is-Sur Francis Debono talab jekk hemmx xi oġġezzjoni, ħadd mill-Kunsilliera preżenti ma kellhu xi kummenti jew oġġezzjoni fuq dan il-każ.

3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt laqgħa li kellu mas-Surmast ta' l-Iskola Primarja ġie nformat li l-FES jaqblu li ssir emenda fuq il-gate ta' l-iskola sabiex jinħarġu it-tfal u ser jikkonsidraw li japplikaw għal permessi neċessarji lill-Mepa minħabba l-estetika tal-faċċata. Ġew diskussi il-proċeduri ta' kif ser jidħlu t-tfal ta' l-iskola avolja din ma taqax taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill.

## 4. ***Deċiżjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mis-7 t'Awwissu sas-17 ta' Settembru 2014***

4.1 Għar-rigward tat-talba li qed jressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill mill-Pulizija ta' Hal Qormi sabiex il-Marsa Racing Club jpoġġu bollards f'nofs it-triq sabiex tingħalaq Triq it-Tiġrija waqt il-ħinijiet tat-Tiġrijiet taż-żwiemel, is-Sindku ippropona li l-Kunsill jaċċetta din il-proposta b'dawn il-punti li għandhom jittressqu għall-attenzjoni ta' l-Awtoritajiet kompetenti għal konsiderazzjoni. B'hekk l-Kunsill ma jkollhu l'ebda oġġezzjoni għal dan il-permess jekk dawn l-Awtoritajiet ma jsibu l'ebda oġġezzjoni wara li jikkunsidraw il-punti mressqa mill-Kunsill. Dawn huma:

Il-Kunsill ma joġġezzjonax għal din it-talba jekk kemm il-darba Trasport Malta kif ukoll il-pulizija mhux qed tara ksur fil-liġi tat-traffiku u li qed tiġi mħarsa s-saħħa u s-sigurta' tar-residenti u n-nies li jkun f'din iż-żona meta din it-triq tkun qed tingħalaq.

Barra minhekk il-Kunsill jesiġi li dawn il-bollards isiru mill-istess klabb a spejjeż tagħhom kif ukoll iridu jkunu responsabbli bil-ħinijiet meta dawn il-bollards jitwaħħlu u jinqalaw mit-triq. Barra minhekk il-Klabb irid ikun responsabbli wkoll għal kull ħtieġa jew emerġenza li jistaw jinqalaw lir-residenti jew lill-poplu nġenerali waqt li din it-triq tkun magħluqa.

Huwa fl-opinjoni ukoll tal-Kunsill li meta din it-talba tiġi milqugħa favorevolment minn Trasport Malta jiġi esiġit li jkun hemm pulizija sakemm din is-sistema ta' blukkar ta' traffiku tiġi mdorrija mill-pubbliku u r-residenti nġenerali.

Matul it-tiġrijiet ukoll huwa mportanti billi mhux ser jkun hemm ħadd assenjat magħhom li dawn ikunu mpoġġija b'tali mgħodd li ħadd ma jista' jaqlaħhom u jgħaddi xi karozzi inkella jintilef l-iskop tat-talba msressqa mill-klabb. Punt important ieħor li l-Kunsill qed iressaq għall-attenzjoni ta' Transport Malta u tal-Pulizija huwa li meta jitpoġġew dawn il-bollards ma jitħallewx jipparkjaw karozzi bl-addoċċ f'nofs it-triq għax it-triq tkun imblukkata u dan invista ta' xi emerġenza, nirien, jew ambulanza.

Is-Sur Anthony Buhagiar issekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li skond korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand il-Pulizija tal-Marsa huma kommessi li waqt il-ħin tal-ftugħ u elgħuq ta' skola ser jiġi assenjat pulizija kif rikjest mill-Kunsill. Ġie osservat u ntalab li tintbagħat ittra li nhar il-Erbgħa 24 ta' Settembru ma kienx hemm pulizija ma l-iskola ta' Triq Balbi billi dan jmur kontra dak li qed tgħid din il-korrispondenza. Is-Sur Dominic Spencer issekonda . Il-Vot kien unanimu.

4.3 Wara diskussjoni fuq il-problema tat-traffiku fi Triq l-Iskola u fi Triq Simpson u l-fatt li għandu jinforza l-liġi tat-traffiku l-Kunsill għandu jitlob żewġ gwardjani matul il-ħin tal-ftugħ u l-egħluq ta' l-iskola. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *5. Schedule of Payments 08/2014*

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il- kontijiet, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet kif ippreżentati. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-vot kien unanimu.

## *6. Purchase Order 3859 - 3874*

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Order minn numru 3859 sa 3874 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *7. Purchase Request 2845 – 2859*

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Request minn numru 2845 sa 2859 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Anthony Buħagiar ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

Is-Sur Noel Scerri daħal fis-sala.

## *8. Żieda fil-Petty Cash*

8.1 Is-Sindku talab lill-Kunsill sabiex jiġi approvat iż-żieda fil-flus kontanti tal-Petty Cash għall-użu ta' l-Uffiċċju sabiex dan l-ammont ikun ta' mitt ewro. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il- Vot kien unanimu.

## *9. Installazzjoni ta' Alarm fl-Uffiċċju tal -Kunsill*

9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li jinġabru kwotazzjonijiet għal dan is-servizz sabiex tiġi nstallata sistema ta' alarm fil-bini l-ġdid tal-Kunsill. Is-Sur Anthony Buhagiar issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *10. Installazzjoni ta' Close Circuit Camera*

10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta kwotazzjoni tal-Cameras mingħand il-Kumpanija li ġiet magħżula għal dan is-servizz liema somma ma taqbizx is-somma ta' elf mija u ħamsa u sittin ewro (€1165) dan sabiex il-cameras jkunu ta' l-istess tip u għamla . Waħda minnhom ser tiġi nstallata b'microphone wkoll sabiex jiġi identifikat x'kien qed jingħad u dan invista tal-każ ta' theddida liema każ qed titressaq il-Qorti wara inċident li seħħ dan ix-xahar fil-konfront ta' l-impjegati tal- Kunsill. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *11. Bankini Ġodda*

11.1Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li l-Kunsill jitlob stimi ta' bankini biex jsiru fis-sena finanzjarja li jmiss. Dawn huma Triq is-Salib mit-telephone box naħa waħda, Sqaq l-Ajkla, Triq San Bernard, Pjazza Patri Magri, Triq Ross, Triq Derby , Triq San Tumas, Triq il-Marsa ħdejn Mercieca sa Buttigieg Jewellery. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *12. Proġett tal-Pjazza u l-Monument*

12.1Is-Sindku nforma lill-Kunsill b' xi problema li nstabet waqt it-twettieq ta' dan il-proġett fejn minħabba l-ergħuq tas-siġar kif ukoll il-main ta' l-ilma, l-bankina ser jkollha togħla xi ftit aktar filwaqt li l-Monument ta' l-għanneja għandu jiġi trasferit fuq il-bankina ta' Marsa Road. Ġie diskuss ukoll dawn il-varjazzjonijiet b'żieda fis-somma approvata għal dan il-proġett. Għaldaqstant qed jintalab li dawn l-emendi jiġu approvati. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *13. Bollards fuq il-Bankina ta' Triq Balbi*

13.1 Is-Sindku ppreżenta s-somma totali tal-bollards mingħand Fremy Investments Ltd li jammonta għal elf u sitta w għoxrin ewro u sittin centeżmu (€1026.60). Barra minhekk wkoll is-Sindku ppreżenta kwotazzjoni għal tranġar tal-Gazebo fil-Bandli ta' Bridgwater li tammonta għal mitejn u għoxrin (€220) . Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *14. Tweġibiet għall-mistoqsijiet preżenti mill-Kunsilliera*

14.1 Is-Sur Noel Scerri staqsa jekk il-Culvert fi Triq Santa Rita tnaddafx. Huwa saqsa wkoll fuq il-possibilta' li jittella' s-suġġett ta' l-ismijiet tat-toroq saqsa fuq il-possiblita; li jsir , isir meeting fuq Ġnien Spencer u rigward il-flus li l-Kunsill kellu jirċievi minghand il-Gvern rigward il-Kawża li rebaħ fuq it-tindif ta' l-area tal-Korsa taż-Żwiemel.

14.2 Is-Sur Joseph Cachia talab li jsir pontun tad-dgħajjes quddiem il-klabb tar-Regatta. Is-Sindku rrisponda li din mhux fil-kompetenza tal-Kunsill iżda hija responsabbilta' tal-Maritime Authority. Filwaqt li talab li tintbagħat ittra għas-suċċess li kitbu fir-Regatta.

14.3 Is-Sur Dominic Spencer talab biex jinxtraw il-bnadar neċessarji għall-arbli ta' fuq il-Pont San Tumas biex jintużaw waqt Festi Nazzjonali u okkazjonijiet oħra. Is-Sur Joseph Cachia ssekonda . Il-Vot kien unanimu.

14.4 Is-Sur Dominic Spencer talab li l-pulizija u l-Malta Maritime jiġu nfurmati rigward żewġ laneċ li qed isorġu fuq il-moll sabiex jiġu rmunkati u biex jitnaddaf dan il-moll. Għal dan ix-xogħol is-Sindku ppropona li s-servizz jiġi mogħti mill-Fondazzjoni Suret il-Bniedem jew jitqabbad kuntrattur privat. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

14.5 Is-Sur Anthony Buħagiar talab biex jitnaddaf l-isqaq ta' bejn il-blokks ta' Triq il-Jum u Triq Xemxija.

## ***15. Aġġornament tal-Laqgħa***

15.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 22 ta' Ottubru 2014 fil-ħamsa w kwart ta' filgħaxija (5.15pm)

Il-laqgħa spiċċat fis-sitta w nofs ta' filgħaxija (6.30pm).

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv